MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 326/2011

Kawza fil-lista: 2

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettiet u talab hekk:

Illi l-partijiet izzewwgu fil-21 ta’ Settembru 1984, u minn dan iz-zwieg ma ghandhom it-tfal li llum huma maggjorenni;

Illi l-partijiet huma legalment separati b’ kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Rachel Mallia fit-18 ta’ Lulju 2001 ;

Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin ghal aktar minn erba' snin;

Illi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament mid-dritt tal-manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex: Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

Rat li l-konvenuta ddikjarat li taderixxi mat-talbiet attrici, u talbet sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha "Kunjom";

Rat l-att tal-kawza;

Semghet lill-attrici bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; tawtorizza lill-konvenuta sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha "Kunjom"; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------